

PROĊEDURI DWAR L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-POLITIKA KUMMERĊJALI
KOMUNI

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Notifika li temenda n-notifika ta' bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja rigward importazzjonijiet ta' prodotti tal-azzar

(2018/C 225/07)

Fis-26 ta' Marzu 2018, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni ta' salvagwardja rigward importazzjoni ta' prodotti tal-azzar⁽¹⁾ (l-“Avviż tal-26 ta' Marzu 2018”). Sussegwentement din kienet ġibdet l-attenzjoni tal-Kummissjoni dwar żewġ kategoriji ta' prodotti tal-azzar li ma kinux inklużi fil-lista ta' prodotti soġġetti għal dik l-investigazzjoni.

L-inklużjoni ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti tal-azzar tidher li hija neċessarja peress li huma attwalment soġġetti għal miżuri ta' sorveljanza⁽²⁾ tal-azzar flimkien 26 kategoriji ta' prodotti koperti fl-Avviż tas-26 ta' Marzu 2018. Għal dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti, il-Kummissjoni kisbet biżżejjed evidenza li tiġġustifika l-inklużjoni tagħhom fi ħdan l-ambitu tal-investigazzjoni attwali, sabiex l-emenda fin-Notifika tas-26 ta' Marzu hija meqjusa bħala meħtieġa. Aktar tagħrif jinsab fil-fajl li jista' jiġi vverifikat mill-partijiet interessati.

Bl-inklużjoni taż-żewġ kategoriji ta' prodotti, l-informazzjoni bħalissa disponibbli għall-Kummissjoni tindika total jiżded il-volum tal-importazzjoni tal-prodotti tal-azzar kkonċernati minn investigazzjoni ta' salvagwardja attwali minn 18,8 miljun tonnallata għal 30,6 miljun tonnallata metrika matul il-perjodu 2013-2017. Dawn l-importazzjonijiet żdiedu wkoll f'termini relattivi għall-produzzjoni domestika.

Iż-żewġ kategoriji ta' prodotti addizzjonali għandhom għalhekk ikunu inklużi fl-ambitu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja attwali.

1. PRODOTTI ADDIZZJONALI INVESTIGATI

Il-kategoriji ta' prodotti addizzjonali huma mhux illigat u liga ieħor ta' biċċiet lesti bil-kesħa u wajer mhux liga. Dawk il-kategoriji tal-prodotti għandhom jiżdedu mal-lista tal-prodotti soġġetti għal investigazzjoni ta' salvagwardja attwali. Il-kodiċijiet tan-NM li fi ħdanhom il-prodotti kategoriji bħalissa huma kklassifikati huma kif ġej:

Numru tal-prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
27	Azzar liga ieħor biċċiet lesti bil-kesħa	7215 10 00, 7215 50 11, 7215 50 19, 7215 50 80, 7228 10 90, 7228 20 99, 7228 50 20, 7228 50 40, 7228 50 61, 7228 50 69, 7228 50 80
28	Wajer ta' liga	7217 10 10, 7217 10 31, 7217 10 39, 7217 10 50, 7217 10 90, 7217 20 10, 7217 20 30, 7217 20 50, 7217 20 90, 7217 30 41, 7217 30 49, 7217 30 50, 7217 30 90, 7217 90 20, 7217 90 50, 7217 90 90

Dawn il-kodiċijiet NM qed jingħataw biss għall-informazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU C 111, 26.3.2018, p. 29.

⁽²⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/670 tat-28 ta' April 2016 li jintroduċi s-sorveljanza minn qabel tal-Unjoni għall-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-ħadid u tal-azzar li joriġinaw minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 115, 29.4.2016, p. 37).

2. KJARIFIKA DWAR ĊERTI KATEGORIJI TA' PRODOTT U KODIĊI TAN-NM

Għalkemm il-Komunikazzjoni tas-26 ta' Marzu 2018 issemmi li l-kodiċijiet NM qegħdin jingħataw biss għal skopijiet ta' informazzjoni, kien jidher matul l-investigazzjoni li ċerti kodiċijiet ma għewx forniti jew li jkunu għew allokati ħażin. Għalhekk, l-Anness għal dan l-Avviż għandu jinqara kif ġej:

Numru tal-prodott	Kategorija tal-prodott	Kodiċi NM
1	Strixxi u Folji Rrumblati bis-Shana Mhux tal-Liga u Oħrajn tal-Liga	7208 10 00, 7208 25 00, 7208 26 00, 7208 27 00, 7208 36 00, 7208 37 00, 7208 38 00, 7208 39 00, 7208 40 00, 7208 52 10 , 7208 52 99, 7208 53 10 , 7208 53 90, 7208 54 00, 7211 13 00 , 7211 14 00, 7211 19 00, 7212 60 00, 7225 19 10, 7225 30 10, 7225 30 30, 7225 30 90, 7225 40 15, 7225 40 90, 7226 19 10, 7226 91 20, 7226 91 91, 7226 91 99
4	Folji Miksija Metalliċi	7210 20 00, 7210 30 00, 7210 41 00, 7210 49 00, 7210 61 00, 7210 69 00, 7210 90 80, 7212 20 00, 7212 30 00, 7212 50 20, 7212 50 30, 7212 50 40, 7212 50 61, 7212 50 69, 7212 50 90, 7225 91 00, 7225 92 00, 7225 99 00 , 7226 99 10, 7226 99 30, 7226 99 70
7	Pjanċi Kwarto Mhux tal-Liga u Oħrajn tal-Liga	7208 51 20, 7208 51 91, 7208 51 98, 7208 52 91, 7208 90 20, 7208 90 80, 7210 90 30, 7225 40 12, 7225 40 40, 7225 40 60

3. KWISTJONIJIET PROĊEDURALI

3.1. Is-sottomissjonijiet bil-miktub, it-tweġibiet tal-kwestjonarju u l-korrispondenza

Sabiex tikseb it-tagħrif li tqis li hu meħtieġ fl-investigazzjoni tagħha, il-Kummissjoni se tibgħat kwestjonarji lill-produtturi magħrufa tal-prodotti simili jew direttament kompetituri u lil kull assoċjazzjoni magħrufa ta' produtturi fl-Unjoni ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti. Il-kwestjonarji mimlija jridu jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 21 jum mid-data li fiha jkunu ntbagħtu.

Il-partijiet interessati kollha, inklużi l-produtturi esportaturi, importaturi u utenti u l-assoċjazzjonijiet tagħhom taż-żewġ prodotti kkonċernati huma mistiedna jgħarrfu l-fehmiet tagħhom bil-miktub, jissottomettu l-informazzjoni u jipprovdu evidenza ta' sostenn fir-rigward ta' dawn iż-żewġ kategoriji ta' prodotti. Komentari dwar l-inklużjoni ta' żewġ kategoriji tal-prodott fl-investigazzjoni għandhom jaslu għand il-Kummissjoni fi żmien 7 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Ir-rappreżentazzjonijiet f'format liberu għandhom jiġu sottomessi fi żmien 21 jum mid-data tal-pubblikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Il-partijiet interessati jistgħu jippreżentaw lilhom infushom billi jikkuntattjaw lill-Kummissjoni, preferibbilment permezz tal-posta elettronika, sa mhux iktar tard minn 15-il jum wara l-pubblikazzjoni ta' din in-notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea, u jitolbu kwestjonarju. Il-kwestjonarju mimli jrid jiġi sottomess fi żmien 21 jum mid-data li fih ikun intbagħat.

Kull preżentazzjoni ta' fehmiet jew informazzjoni wara dawn l-iskadenza jistgħu jiġu injorati.

3.2. Seduti ta' smigħ

Bis-saħħa tal-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) 2015/478 ⁽¹⁾ u l-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2015/755 ⁽²⁾, il-partijiet interessati kollha jistgħu japplikaw biex jinstemgħu mill-Kummissjoni fi żmien 21 jum mid-data ta' publikazzjoni ta' din in-Notifika f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

⁽¹⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16).

⁽²⁾ Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33).

3.3. Kwistjonijiet proċedurali oħra

Kwistjonijiet proċedurali oħra msemmija fil-paragrafi 3.2, 4, 5, 6 u 7 tal-Avviż ta' Bidu tas-26 ta' Marzu 2018 tibqa' tapplika għal din l-investigazzjoni.
